A.L. 49 ta' 2001

ATT BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMUNIKAZZJONI (KAP. 399)

Regolamenti ta' l-2001 dwar is-Servizz ta' Telekomunikazzjoni (Modifika ta' Kull Ftehim u Liċenza tas-Sistema ta' *Radio Paging*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 38 ta' l-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, u għall-finijiet ta' l-artikolu 44 ta' l-istess Att, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni bħala l-Awtorità Kompetenti biex tirregola t-Telekomunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar is-Servizz ta' Telekomunikazzjoni (Modifika ta' Kull Ftehim u Liċenza tas-Sistema ta' *Radio Paging*), u għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-4 ta' Marzu, 2001.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti -

"l-Att" tfisser l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, u tinkludi l-Ewwel Skeda li tinsab miegħu;

"l-Istrument ta' Modifika" tfisser l-Istrument ta' Modifika tal-liċenza oriġinali maħruġ mill-Ministru taħt l-artikolu 46 ta' l-Att fl-4 ta' Marzu, 2001 dwar dik il-liċenza oriġinali msemmija, liema istrument tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fil-5 ta' Marzu, 2001;

"il-liċenza oriġinali" tfisser il-liċenza mogħtija lil *Telepage Limited* permezz ta' istrument tal-11 ta' Marzu tas-sena elf disa' mija erbgħa w disgħin (1994) deskritt bħala "Ftehim ta' Liċenza' u magħmul fl-għamla ta' ftehim bejn il-Korporazzjoni Telemalta, Telepage Limited, Mobile Telecommunications Technologies Corp. ta' Delaware, USA, APS Bank Limited u Valletta Investment Bank Limited, il-ftehim tal-31 ta' Lulju, 1998 magħmul bejn Skytel Communications Inc (li qabel kienet Mobile Telecommunications Technologies Corp) ta' Delaware USA, Maltacom p.l.c., APS Bank

Limited, Valletta Investment Bank Limited, Telepage Limited u r-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni, u l-istrument tat-2 ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) li hu deskritt ukoll bħala "Ftehim ta' Liċenza" u magħmul fl-għamla ta' ftehim bejn ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni u Telepage Limited ;

"il-liċenza modifikata" tfisser il-liċenza oriġinali kif modifikata bl-Istrument ta' Modifika.

Modifika tal-liċenza oriġinali.

3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-liċenza oriġinali għandhom, mill-4 ta' Marzu, 2001 u għall-fini li jġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ta' l-Att u li jimplimentaw il-liberalizzazzjoni tas-suq Malti tat-telekomunikazzjoni skond l-Att u li jimplimentaw qafas kummerċjali u regolatorju ġdid bħalma tqies xieraq għall-fini li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' l-Att, jiġu modifikati skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet inklużi fil-liċenza modifikata u skond dik il-liċenza.

Relazzjoni ma' l-Istrument ta' Modifika.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom jikkomplementaw l-Istrument ta' Modifika, u ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha tiġi interpretata bħala li tippreġudika s-saħħa, l-effett u l-validità ta' l-Istrument ta' Modifika.